# Qatt

minn Margaret White

Qatt ma fhimt
il-ferħ u l-estasi,
il-ġarba tal-paċi,
il-ferħ li l-qalb tagħti.

Qatt ma kont fhimt
kif tista' persuna,
ittella' ġieħek il-ġenna,
b'ħarsa, kelma jew daħka.

Qatt ma kont ltqajt
ma' bniedem li jaqrani,
b'ħarsa waħda jinfidni,
lil ruħi jarali.

Qatt ma ħassejtha
daqshekk naturali,
l-imħabba li ġġibek,
imneżża', għarwien u ħafi.

Qatt qabel ma fhimt
li jeżisti xi ħadd bħalek,
li kliemu jdaħħakni,
u l-qalb idakkarli.

Qatt qabel dakinhar
ma sibt l-istess ħsieb, ħolm,
fi bniedem ieħor,
narak u nħoss l-irdoss.

U qatt qabel kull lejl miegħek
ma fhimt kif iċċedi kollox,
li tafda, terħi ruħek,
f'min tassew iħobbok.

Qatt qabel ma kont xtaqt
li ħdejk, miegħek nintemm.
li ngħix l-eternità miegħek,
li nsiru l-istess demm.

Qatt.

Qatt qabel ma kont fhimt
xi jkun qsim il-qalb,
li tgħix ħajja fuq ħabel,
li taħbi l-ħsus tal-qalb.

Qatt ma xtaqt ngħaddi minnha
li ngħix fl-ipokrezija,
li din l-imħabba kellha tkun,
bejnietna mistura, moħbija.

Qatt ma ħsibt li hu possibbli
li tara lilek innifsek f'xi ħadd,
u jkollok tirreċta li hu kwalunkwe,
li għalik qisu ma jfisser ħadd.

Qatt ma rajtek tirreċta daqshekk
waqt li taħbi dax-xewqat,
li taf li hemm ċans ta' paċi,
imma din il-paċi qed tidfina taħt l-art.

Minkejja kollox qatt ma nitlaq
għaliex bħalek il-ħadd ma nħobb,
meta u jekk tiddeċiedi li turi min int,
hemm issibni, bla għażla, inħobb.